**Minuti tat-368 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**it-Tlieta, 6 ta' April, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fid-disa' paragrafu ta' paġna 80 u jiżdied il-kliem "li jsiru wkoll tabelli ta' *one-way* fi Triq iċ-Ċulqana ma' Triq ir-Redentur u fi Triq it-Tut ma' Triq ir-Redentur".

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-aħħar paragrafu ta' paġna 80 u wara l-kliem "jiġu rranġati s-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq Wied il-Ghajn u Triq il-Karmnu" jizdied il-kliem "biex ikun hemm sistema aħjar ta' traffiku".

Is-Sinjura Calleja pproponiet li ssir korrezzjoni fir-raba' paragrafu ta' paġna 77 u wara l-kliem "il-ħtieġa li titnaddaf" jiżdied il-kliem "il-bankina". Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-emenda.

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-367 laqgħa kif emendati.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx ressaq it-talba biex issir *un/loading bay* fi Triq Bajada quddiem il-ħanut Brumi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill kien ressaq din it-talba lil Transport Malta.

Is-Sur Buttigieg reġa' staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta minn Transport Malta dwar il-manutenzjoni li teħtieġ issir fi Triq tal-Labour. Huwa qal li kien irċieva lment mingħand sinjura li waqgħet u weġġgħet fuq il-bankina fi Triq tal-Labour ma' Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta biex din il-bankina tiġi rranġata fi żmien qasir.

Is-Sur Buttigieg reġa' staqsa jekk il-Kunsill kienx ingħata risposta dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li kellu jsir fi Triq G Agius Muscat. Is-Sindku qal li qabel ma jerġa' isir ix-xogħol irid isir *culvert* zgħir għall-ilma tax-xita li jinżel f'din it-triq.

Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx ressaq it-talba biex jiġi approvat li jiġu rranġati l-*parking bays* fi Triq is-Santwarju ma' Triq San Lawrenz. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Familja. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat Memo 16/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita ta' librerija lokali. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħabbar li għat-tieni sena konsekuttiva ser tingħata għajnuna lil dawk il-Kunsilli Lokali li lilhom ġiet devoluta librerija lokali jew inkella għandhom librerija mwaqqfa minnhom stess. Il-preżentazzjoni *'Il-Ktieb Pass 'il Bogħod Minnek'* ser issir fil-Librerija Nazzjonali (Pjazza Reġina, il-Belt Valletta) nhar it-Tlieta, 13 ta' April, 2010 fil-11.30 ta' filgħodu. Is-Sur Robert Buhagiar, bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, ser jattendi f'isem il-Kunsill għal din il-preżentazzjoni.

Inqrat Memo 51/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *Wi-Fi Access Points.* Is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali flimkien mal-Malta Communications Authority, ser iniedu proġett li l-għan tiegħu huwa dak li jtejjeb l-aċċess għall-*internet* lir-residenti, permess ta' *access points* li ser jiġu nstallati f'postijiet pubbliċi. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi provdut dan is-servizz lir-residenti billi jiġi nstallat *access point* fi Ġnien il-Kunsill.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Marzu, 2010 u s-6 ta' April, 2010 li kien jammonta għal

€36,157.46. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2010 li kien jammonta għal €177.25. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-Onorevoli Chris Said biex tintalab id-devoluzzjoni ta' xi kmamar li hawn fiċ-Ċentru Ċiviku; dik li kienet tintuza mis-Sanita u l-uffiċju tal-Agrikultura. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas u roundabouts* (ZLC 2/2010). L-offerti kienu mingħand il-kumpanija ELC u mingħand Sur Wilson Mifsud. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Catania l-Kunsill qabel unanimament li rapprezentazzjoni mill-Kunsill komposta mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Catania, bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent tiltaqa' mas-Sur Wilson Mifsud li kien l-orħos offerent biex tinġabar informazzjoni addizzjonali li permess tagħha l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni finali.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill li l-arblu bil-bandiera uffiċjali tal-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar kien tlesta u twaħħal f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sur Pisani nforma lill-Kunsill li l-latrini pubbliċi ma kienux qed jinżammu fi stat nadif u għalhekk ppropona li jinbgħat *default notice* lill-kuntrattur s-Sur Stephen Ellul. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li jintbgħat dan l-avviż.

Is-Sur Pisani qal li kien hemm residenti Żabbarin li għal xi żmien għexu fix-xelter ta' Misraħ is-Sliem u għalhekk ikun għaqli li jsir dokumentarju fejn dawn in-nies jirrakkontaw dwar iż-żmien li huma għaddew fix-xelter. Is-Sur Buhagiar ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tinġabar l-evidenza kollha possibli u jsir dan id-dokumentarju li għandu jservi ta' interess kemm għaż-Żabbarin stess kif ukoll għall-pubbliku kollu u t-turisti li jżuru l-lokalita'.

Fit-8.15 is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Pisani ssuġerixxa li jsir inventarju ddettaljat tal-postijiet storiċi li hawn f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsillieri li għadhom ma lestewx l-artiklu għall-fuljett Ċitta' Ħompesch biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli.

Is-Sur Bonnici talab biex jiġu rranġati l-purtieri li hemm fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li l-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ dan is-sajf mhux ser isir minħabba li l-Kunsill ta' Montgeron ma kienx kiseb fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar l-għadd ta' ilmenti li kienu qed isiru mir-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-funderija Hompesch Steel u ppropona li l-Kunsill jikteb lill-MEPA dwar l-inkonvenjenzi li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' dan l-impjant.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva nformazzjoni dwar l-iskema *Private Public Partnership* għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal din l-iskema.

Is-Sur Buttigieg talab li jsiru *pelican lights* maż-*zebra crossing* li hemm fi Triq Wied il-Għajn jew li ssir *road hump* fil-viċinanzi.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *refresh* taz-*zebra crossings* li hemm fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Buttigieg talab li l-kuntrattur jerġa' jpoġġi l-ħnejja li kienet tneħħiet minn Sqaq Sidtna tal-Mirakli minħabba li kienet qed issir ħsara fil-bini tar-residenti.

Is-Sur Catania semma l-bżonn li ssir mera fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp.

Is-Sinjura Calleja reġgħet semmiet il-bżonn li titnaddaf Pjazza San Nikola fejn f'dan is-sit qed jintefa' skart u materjal ieħor b'inkonvenjent kbir u detriment għal saħħet ir-residenti. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk il-Kunsill għandux risposta dwar it-talba li saret lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex titnaddaf din l-art u biex din tiġi mdawwra b'ħajt biex jinqata' l-abbuz ta' rimi ta' skart f'dan il-post.

Is-Sur Catania talab li f'laqgħa oħra tiġi diskussa l-attivita kulturali 'Lejla fil-Belt Hompesch: Festival ta' Arti, Storja u Kultura'.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-369 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2010.

Domenic Agius
Sindku